# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-1 ta' Ottubru, 2013, fis-6:20pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
|---|---|---|
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku Nicholas Briffa ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta numru ħdax kienu mgħoddija lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* aktar kmieni u dawn fil-waqt li sarulhom xi korrezzjonijiet, kienu approvati u ffirmati.

3. Is-Sindku ippropona sabiex l-aġġudikar tal-kwotazzjoni tal-*Live Streaming* kif ukoll l-offerta pubblika tal-manutenzjoni tat-toroq, jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss minħabba l-urġenza li hemm sabiex ikun konkluż il-programm tal-attivita' kulturali. Dan kien issekondat minn Grace Marie Mallia. Ma din il-proposta kien hemm qbil unanimu u t-tibdil fix-xogħol tal-agenda kien approvat.

4. Dwar il-Gal Xlokk, se nieħdu *feedback* fil-laqgħa li se jkun hemm għada fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop sabiex nippruvaw napplikaw għal xi wieħed mill-programmi/miżuri li joħorġu minn żmien għal żmien.

5. Illum infurmawna illi għaddewlna refużjoni ta' €1,000 biex ikunu koperti l-ispejjeż in konnessjoni mal-*book box* li tinsab quddiem l-uffiċċju tal-*customer care* tal-KLM.

6. Dwar ir-restawr tal-istatwi ta' San Franġisk kif ukoll dik tal-Kunċizzjoni l-KLM ħareġ l-offerta pubblika u din se tagħlaq fis-7 ta' Ottubru, 2013 ma dik tas-*cctv* cameras fil-Pjazza tal-Knisja u Ġnien Tfal ir-Raħal – skemi lokali tad-Dipartiment Gvern Lokali.

7. Grace Marie Mallia talbet kopja tal-approvazzjoni mill-Korporazzjoni Enemalta tal-lampa ġdida li talab il-KLM fi Triq il-Qrendi. F'dan il-punt intqal illi dik li applikajna għaliha fi Triq il-Murselli ma' kienetx aċċettata. Hawn is-Sindku qal li jinħtieġ li f'din it-triq il-lampi jispustjaw ruħhom ħalli tidħol il-lampa addizzjonali li qed tiġi mitluba mis-Sur Gaffarena; biex jekk xejn, l-illuminazzjoni tinfirex aħjar.

8. Is-Sindku semma' t-*traffic island* li qed tiġi proposta fi Triq Ħal Kirkop kantuniera ma Triq iż-Żurrieq flok il-marki tat-traffiku li hemm fit-triq.

9. Is-Sindku qal li kellu jieħu deċiżjoni ta' malajr sabiex titnaddaf Triq Ħal Farruġ peress li kien ġej l-*Air Show* u din kienet imnittna bl-iskart u l-bużbież li qabeż il-ħames piedi. It-tindif kellu jsir minn Joe Farrugia l-Bażżi.

10. Dwar it-tibdil li kien propost li jsir fis-sit elettroniku mhux uffiċjali tal-Kunsill www.mqabba.gov.mt, mill-kunsillieri fis-seduti tal-KLM li għaddew, se jiswielna aktar spejjeż wara li konna nfurmati b'dan minn impjegata ta' *Booking and Co* li ġiet tkellem lill-Valerie Galea fil-jiem li għaddew. Grace Marie Mallia qalet li din il-kumpanija se tibgħatilna kwotazzjoni.

11. Dwar l-ittra tagħna li bagħtna lill-MEPA fuq it-trab eċċessiv fl-inħawi tas-Sejba, għad m'għandniex *feedback* mill-awtorita' msemmija. Madankollu b'riferenza għall-istess triq is-Sindku semma' illi hemm ħofra kbira biswit it-triq għand terzi li fiha qed jinżel l-ilma u qed jagħmel ħsara fit-triq. Hu qal li fil-jiem li ġejjin se jiġi il-Perit Julian Borg minn *Transport Malta* ħalli jispzzjonaha.

12. Reġgħet issemmiet iz-*zebra crossing* li kienet installata fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti bħala parti mill-proġett tal-Unjoni Ewropeja dejjem fi triq arterja. Hawn intqal illi din mhix sigura għaliex m'għandiex dwal u lanqas tabelli li jindikaw li ġejja *zebra crossing*.

13. Kien hemm diskussjoni dwar il-mawra f'Għawdex. Xi kunsillieri issuġġerew illi jekk isir *booking* wieħed f'salt għal żewġ mawriet, waħda minnhom f'Mejju, jkun possibbli illi ma nħallu 'l ħadd barra kif ġara din is-sena. Intant Grace Marie Mallia qalet li saritilha talba sabiex imorru ħarġa wkoll fix-xitwa.

14. Dwar il-proposta mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex ninqatgħu mill-Kulleġġ San Benedittu u mmorru ma' San Injazju, is-Sindku qal li ma qagħdniex kwieti u bqajna ninsistu li nagħmlu appuntament mal-Ministru. Meta jkollna d-dettalji kollha, imbgħad qed ikun propost illi ssir laqgħa mal-ġenituri tat-tfal li jattendu fl-Iskola Primarja tal-Imqabba.

15. Dwar il-proposta ta' għeluq għat-traffiku ta' parti minn Triq Valletta fil-ħin li jkunu deħlin u ħerġin it-tfal mill-iskola, is-Sindku qal li issa għandna l-approvazzjoni. B'hekk il-vetturi mhux se jkunu qed itellfu lit-tfal u jkun hemm sigurta' akbar. Dwar dan intqal ukoll illi għandna niltaqgħu mal-Kunsill Skolastiku u l-Kap tal-Iskola u imbgħad issir laqgħa mal-ġenituri. Intant is-Sindku qal li qed jikkunsidra li jirriżerva tmien parkeġġi quddiem l-uffiċċju parrokkjali sabiex il-ġenituri tat-tfal ikunu jistgħu jiġbru t-tfal mill-iskola u wkoll iniżżluhom hemm.

16. Grace Marie Mallia insistiet illi terġa' tinqala' parti minn Triq il-Mitħna għaliex minkejja li minn meta kienet miksija bit-tarmak għall-ewwel darba inqalgħet, ix-xogħol ma sarx sew. Minkejja li kien hemm ċertifikazzjoni mill-perit tal-KLM is-Sindku qal li dwar dan għandna nkellmu lill-Perit William Lewis biex imur fil-post mal-kuntrattur.

17. Paul Spiteri ppropona li l-KLM jikkunsidra li tinqala' l-bankina u ssir mill-ġdid, li hemm b'pendil eċċezzjonali fi Triq Karmenu Ciantar propju quddiem il-*garages* tas-Sur Facciol f'tarf il-Pjazza tal-Knisja, biex tkun livell.

18. Inqraw ir-regolamenti tal-għoti tal-unur Ġieh l-Imqabba mis-SE u wkoll ic-cv's tat-tliet nomini li kien irċieva l-Kunsill li wkoll kienu mgħoddija lill-kunsillieri mis-SE permezz ta' *e-mail,* Diversi jiem qabel. Waħda minn nomini kienet ta' Charles u Anna Azzopardi. Nicholas Briffa qal li dawn l-individwi qed jagħmlu ħafna ġid mat-tfal *fostered* u fil-fatt irrikonoxxihom diġa' anke l-istat bl-għoti ta' l-Unur tar-Repubblika. Paul Spiteri qal li dawn il-persuni qed jagħmlu dak li jagħmlu ma' persuni li mhumiex fid-demm, anzi barranin. Grace Marie Mallia qalet li dawn taf tajjeb li kienu qed joħorġu l-flus minn bwiethom biex irabbu t-tfal per eżempju sakemm l-omm naturali tat-tfal tieħu saħħitha lura. Michel Farrugia, b'riferenza għal nominazzjoni oħra li wkoll kienet ikkunsdrata, qal li x-xogħol volontarju li jsir mill-qalb iħobbu, imma li qed jagħmlu l-familja Azzopardi hu aktar validu. Charlene Zammit qalet illi filwaqt li ma taqbilx li għax dawn ingħataw Ġieh ir-Repubblika jfisser li għandhom jingħataw kważi b'mod awtomatiku Ġieh l-Imqabba, hija qalet li se tivvota favur għaliex trid tqajjem aktar *awareness* biex nies mill-Imqabba jitħajru jagħmlu *fostering.*

19. Nomina oħra kient ta' Antoine Sciberras. Is-Sindku qal li dan ukoll qed jaqdi dmirijietu b'diliġenza kbira u dan hu ferm ta' min japprezzah għaliex qed ibiegħed liż-żgħażagħ mill-vizzji li jistgħu jaqgħu fihom. Dwar din in-nomina Paul Spiteri u Michel Farrugia qalu li

fortunatament bħal Antoine Sciberras hawn ħafna li qed iwettqu din il-ħidma b'risq għaqda jew soċjeta'.

20. L-aħħar nomina li kienet diskussa kienet dik ta' Ms Mary Mallia. Nicholas Briffa qal li din ukoll qed tagħmel sagrifiċċju, (skont Charlene Zammit, kbar ħafna għaliex familjari li jridu medikazzjoni kull sagħtejn), minkejja li skond Paul Spiteri, 'ma familjari *that she relates to'*. Madankollu is-Sindku qal li *'it goes without saying'* illi la darba l-istat irrikonoxxa l-ħidma tal-familja Azzopardi, l-Kunsill mingħajr ma jnaqqas mill-mertu tan-nominazzjonijiet l-oħra għandu jagħti l-unur Ġieh l-Imqabba 2013 lill-familja Azzopardi. Hu sab l-approvazzjoni unanima tad-Deputat Sindku u dik tal-kunsillieri. Nicholas Briffa fakkar kif il-Premju Ġieh l-Imqabba mhux minn dejjem kien jingħata. Dawk kollha li ġew nominati għandhom mertu tal-ħidma tagħhom fil-komunita', iżda l-membri tal-Kunsill skont ir-regolamenti jistgħu jagħmlu għażla waħda biss. Lin-nominazzjonijiet l-oħra l-Kunsill jonorahom bl-unur tal-mertu.

21. F'diskussjoni li saret fuq is-serata Ġieh l-Imqabba, il-kunsillieri qalu li rridu nagħtu żewġ midalji lill-eks Sindku, Noel Galea (għaddiet b'mod unanimu) u lil persuna li kienet apporovata illum waqt din is-seduta. Intant se jkunu wkoll ippremjati l-eks Deputat Sindku, Charles Farrugia bil-premju tal-mertu kif ukoll in-nomini l-oħra tal-premju Ġieħ l-Imqabba u wkoll se jkunu mfakkra l-istudent minn B'Bugia li ingħata l-Premju Papa Ġwanni XXIII kif ukoll l-istudent Imqabbi b'diżabilita' li ngħata din l-għajnuna, kif ukoll lill-kontestanta mqabbija ta' *Miss World Malta*. Intant is-Sindku qal li jinħtieġ ukoll li tiġi aġġornata l-plakka li tikkommemora l-persuni li ħadu dan l-unur li tinsab fl-Isptar il-Qadim kif ukoll issir waħda oħra ġdida li tfakkar is-Sindki ta' dan ir-raħal bid-dati tal-perjodu li servew bħala tali.

22. Is-Sindku ipprovda r-*running order* tal-programm tal-attivita' kulturali. Dan kien mogħti lill-kunsillieri kollha filwaqt li stedinhom għal-laqgħa li se ssir nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2013 fl-Isptar il-Qadim fis-6.00pm mas-Sur Mario Camilleri biex norganizzaw aħjar il-logħba tal-kukkanja. Michel Farrugia qabel ma telaq, fit-20.15pm qal li hawn ħafna tgergir għaliex l-attivita' kulturali kienet posposta mill-ġimgħa fil-għaxija għal fil-għodu. Nicholas Briffa qal li din se ssir bi prova u fiduċjuż li se tkun suċċess. Sadanittant il-ħaddiema tal-KLM ġabu l-*exhibition boards* mid-Dipartiment tal-Kultura fejn se jeħlu l-imkwatri magħhom. Hawn is-Sindku qal li l-*boards* m'humiex fi stat tajjeb u jinħtieġ li jinksew bid-drapp ħalli jkunu aktar preżentabbli.

23. Nicholas Briffa qal li l-ewwel premju tal-kukkanja se jkun *voucher* għal ġurnata Sqallija lil kull parteċipant, filwaqt li t-tieni premju se jkun pizza għal tnejn kull wieħed mill-parteċipanti fit-tim.

24. Fi tmiem is-seduta Charlene Zammit ipproponiet li jitpoġġa bank ieħor fi Triq Karmenu Ciantar fejn il-ħanut *Golden Point* fuq talba tan-nies t'hemm hekk, filwaqt li l-qasrija tmur faċċata viċin l-*istage* jew aħjar fejn ir-residenza ta' Dingli. Hawn is-Sindku qal li se naraw fejn joħroġ l-armar tal-festa għaliex dan jista' jinterferi mal-bank propost.

25. Paul Spiteri staqsa lis-Sindku dwar x'ġara mir-rotot proposti ġodda tal-Arriva u meta dawn se jiġu attwati. Is-Sindku informa 'l KLM li se jkun hemm rotta li tgħaddi minn Ħal Farruġ li tibqa' sejra lejn l-Isptar Mater Dei.

26. Kienet approvata l-purchase request form numru 470.

27. Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd, 29 ta' Settembru, 2013, il-MEPA laqgħet il-proposti tal-KLM permezz tal-korrispondenza li bagħat il-Perit William Lewis dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali għan-Nofsinhar ta' Malta. L-*issues* li kienu trattati fost oħrajn kienu s-solar farm f'tal-Ħaġra u l-iżvilupp propost fl-għelieqi biswit Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

28. Fi tmiem is-seduta qabel ma telqet Grace Marie Mallia, fit-20:20pm, talbet lill-KLM sabiex jikkunsidra illi ssir ħadida forma ta' puġġaman biex in-nies ikunu jistgħu jitilgħu it-taraġ taċ-ċimiterju. Hawn intqal illi din għandna nippruvaw nagħmluha dan ix-xahar propju qabel ix-xahar ta' Novembru, dedikat lill-erwieħ.

29. Ġejna infurmati li nhar l-20 ta' Novembru, 2013 f'għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, se tkun organizzata attivita' nazzjonali u s-Sindku qal li jaqbel illi nħallu d-data blokkjata.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-20:55pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>___*15.10.2013_ minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |